Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2025/4102

24.7.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-23 ta' Lulju 2025

## dwar il-festi pubbliċi fl-2027 għall-uffiċjali u aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea li jservu fi Brussell u l-Lussemburgu

(C/2025/4102)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS, Conditions of Employment of Other Servants), stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 61 tar-Regolament tal-Persunal u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS,

Wara li kkunsidrat ir-regoli komuni li jistabbilixxu l-lista ta' festi pubbliċi tal-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tagħhom,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kapijiet ta' Amministrazzjoni,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 61 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 16 u 91 tas-CEOS, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-lista tal-festi pubbliċi għas-sena 2027 mogħtija lill-uffiċjali u lill-aġenti l-oħra impjegati fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Fl-2027, Ħadd-il-Għid ġej fit-28 ta' Marzu.

(3) Fl-2027, it-23 ta' Diċembru se jkun il-Ħamis.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-festi pubbliċi fl-2027 mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra li jservu fi Brussell u l-Lussemburgu, huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-1 ta' Jannar | L-Ewwel tas-Sena |
| Il-25 ta' Marzu | Ħamis ix-Xirka |
| Is-26 ta' Marzu | Il-Ġimgħa l-Kbira |
| Id-29 ta' Marzu | It-Tnejn ta' wara l-Għid |
| Is-6 ta' Mejju | Il-Ħamis nhar Lapsi |
| Is-7 ta' Mejju | L-għada ta' Lapsi |
| Is-17 ta' Mejju | It-Tnejn, Għid il-Ħamsin |
| It-23 ta' Ġunju* | Festa Nazzjonali tal-Lussemburgu<br>*mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fil-Lussemburgu |
| Il-21 ta' Lulju* | Festa Nazzjonali tal-Belġju<br>*mogħtija lill-uffiċjali u impjegati oħra impjegati fi Brussell |

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1968/259(1)/oj.
([2]) SEC(66) 3621.

| | |
|---|---|
| L-1 ta’ Novembru | Jum il-Qaddisin Kollha |
| It-2 ta’ Novembru | Jum il-Mejtin kollha |
| Mit-23 ta’ Diċembru sal-<br>31 ta’ Diċembru | 7 ijiem ta’ tmiem is-sena |

**Total tal-2027:** **17-il jum**

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
Piotr SERAFIN
*Membru tal-Kummissjoni*